**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 32 – IL-ĦAMIS, 20 TA' LULJU 2017

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Joe Bonello | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfrida Abela | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

## 1. QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJA

1.1. Is-SE semma li s-Sinj. Vella kienet se tiġi daqsxejn tard.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

2.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 31 kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

3.1. Iċ-*Chairperson* semmiet il-problema dejjem tikber tal-ħmieġ li hemm fiż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Is-SE qal li din il-problema tikkonċerna l-pajjiż kollu. Din hija waħda mill-isfidi li qiegħed jiffaċċja pajjiżna preżentament. Is-SE żied jgħid li jekk il-liġijiet se jibqgħu li huma, m'aħniex se naraw ċaqliqa lejn id-direzzjoni t-tajba, għaldaqstant jemmen li din il-problema għandha tiġi ndirizzata mill-aktar fis.

3.2. Fid-dawl ta' dan kollu, s-SE qal lill-membri li aktar ma jagħmlu pressjoni, tant aħjar. Kien għalhekk li s-Sinj. Cuomo ddeċidiet li tikteb lill-Ministri kkonċernati dwar din il-problema.

3.3. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-ħaxix dejjem jikber ta' Triq ir-Ridott ma' Triq Anton Manwel Caruana. Is-SE qal li l-Kunsill kien se jitkellem mal-kuntrattur tal-ġonna sabiex jieħu azzjoni.

3.4. Is-Sinj. Cuomo semmiet li se tikteb lill-Ministru Herrera dwar il-qagħda tal-ġonna f'Baħar iċ-Ċagħaq.

3.5. Is-SE semma s-sitwazzjoni dwar il-mogħdija li tgħaqqad iż-żona tal-Magħtab ma' Baħar iċ-Ċagħaq. Huwa qal li l-Kunsill kiteb lit-TM sabiex possibilment din il-mogħdija tingħalaq jew inkella ssir f'direzzjoni waħda. TM min-naħa tagħhom ġew lura bi tweġiba sabiex il-Kunsill jagħmel sinjalar, mirja, humps u dak kollu possibbli sabiex din il-mogħdija tkun tista' tintuża' mingħajr periklu.

3.6. Is-SE nforma lill-membri li l-Kunsill tahom tweġiba li fid-dawl li l-Kunsill kien oġġezzjona sa mil-bidu tal-ftuħ tagħha, ma kellu l-ebda ħsieb li jagħmel dak suġġerit minn TM. Fil-fatt hu qallhom li jekk iridu, jagħmluhom huma a spejjeż u

skapitu tagħhom. Li kien għall-Kunsill din tingħalaq. Tant li bħalissa hemm *enforcement notice*.

## 4. IŻ-ŻONA TAL-IKKAMPJAR

4.1. Iċ-*Chairperson* qalet li l-ġimgħa l-għaddiet f'din iż-żona kien hemm l-iscouts ta' B'Kara. Hija qalet li għamlu canopy 'il barra miż-żona tagħhom u nqala' diżgwit bejn xi membri tal-iscouts u xi residenti.

4.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet l-esiġenza li ssir laqgħa mal-Onor Clifton Grima, tal-Kunsill Malti għall-Isports, sabiex jiġi diskuss l-użu tal-art.

4.3. Is-Sinj. Vella qalet li ma nistgħux nagħtu ħtija lit-tgergir tar-residenti dwar l-inkonvenjenza li jgħaddu minnha minħabba l-attività li tkun għaddejja f'din l-art. Dan għaliex xi drabi ma jkunx hemm responsabbilità minn min imexxi fit-tmexxija tat-tfal.

## 5. ATTIVITÀ TAL-MILIED

5.1. Is-Sinj. Cuomo qalet lill-membri sabiex jibdew jaħsbu fuq xi ideat, minkejja li għad baqa' iż-żmien.

5.2. Is-Sinj. Cuomo tal-fehma li l-Kumitat jerġa' javviċina lil tal-ferrovija għaliex kienet suċċess kbir mat-tfal. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Għaldaqstant il-Kunsill mistenni li jitkellem mal-fornitur biex naraw xi stima se jagħtina u jekk hux possibli għalih li jieħu sehem f'din l-attività.

5.3. Iċ-*Chairperson* staqsiet lill-membri u lis-SE x'jaħsbu kemm-il darba jkollhom jitkellmu mal-i*Splash & Fun Park*, sabiex jinvolvuh fl-organizzazzjoni tal-attività.

5.4. Is-SE qal li jridu joqogħdu attenti minħabba li r-relazzjoni ta' xi residenti mal-i*Splash & Fun Park* mhix waħda ideali.

5.5. Id-data proposta hija dik tal-Ġimgħa 22 ta' Diċembru 2017.

5.6. Bħala sit ta' fejn se ssir l-attività, s-Sinj. Vella u s-Sinj. Muscat esprimew il-ħsieb tagħhom li l-attività għandha ssir f'post ċentrali.

5.7. Is-Sinj. Cuomo qalet li mhix tal-idea li ssir fil-Knisja għaliex peress li mhux ir-residenti kollha huma kattoliċi, mhux il-ġenituri kollha jħossuhom komdi jibagħtu lit-tfal tagħhom fi Knisja.

5.8. Għal din l-attività ssemma Santa Klaws sabiex bħas-snin imgħddijja jerġa' idur id-djar bil-karrettun u jagħmel it-tqassim tar-rigali lit-tfal.

5.9. Issemmiet ukoll it-tinda u jsir riċeviment taħt. Jinġiebu l-*entertainers*, isir it-tqassim tar-rigali, eċċ kollox taħtha.

5.10. Is-SE saħaq li l-membri jridu lkoll jaqblu fuq *budget* komuni li se jallokaw għal din l-attività.

5.11. Is-Sur Bonello tal-fehma, li biex il-Kumitat jalloka tant flus għall-organizzazzjoni, jonfoq tali flus għall-armar tal-Ġnien Santa Marija tal-Anġli permezz ta' fustuni, eċċ.

5.12. Is-SE qal li t-tined iridu jkunu ta' kwalità sabiex jilqaw mill-elementi tan-natura. Għal dawn, il-Kunsill u s-Sur Bonello, se jitkixxfu għall-kwotazzjonijiet.

5.13. Finalment iċ-*Chairperson* inkoraġġiet lill-membri sabiex jaħsbu f'aktar ideat għal din l-attività sabiex jaqsmuhom fil-laqgħa li jmiss.

## 6. ATTIVITÀ TAL-KLIEB

6.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li waqt din l-attività, għandu jsir ġbir ta' fondi għal xi santwarju tal-klieb u l-qtates.

6.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet ideat għal din l-attività. Hija semmiet: l-individwi li jilqgħu talbiet mingħand sidien il-klieb u/jew qtates sabiex iżommulhom l-annimali għal perjodu temporanju; fotografi tal-annimali; stands bil-ġugarelli tal-annimali; stands bl-ikel tal-annimali; jinġiebu l-pulizija sabiex jagħmlu wirja; isiru taħdidiet fuq id-detriment li jikkawża l-ħmieġ tal-klieb u l-qtates; wirja tal-ilbiesi tal-klieb; eċċ.

6.3. Is-Sinj. Cuomo għandha tiltaqa' mal-persuna li se tkun qiegħda tgħin fl-organizzazzjoni ta' din l-attività.

6.4. Is-SE qal li hemm bżonn issir laqgħa sabiex jiġi delegat ix-xogħol.

6.5. Is-Sinj. Cuomo esprimiet ix-xewqa tagħha li għal din l-attività, jużaw l-art li qabel kienet mikrija lill-iscouts ta' B'Kara. Dan dejjem jekk il-Kumitat jingħata l-permess. Jekk mhux fl-affermattiv, l-attività maħsuba li ssir fil-parkeġġ ta' Triq Xatt il-Palm.

6.6. Id-data proposta hija nhar is-Sibt l-14 ta' Ottubru 2017. Kien hemm qbil unanimu li din l-attività ssir fuq firxa ta' ġurnata, bejn il-ħin tal-10.00am u l-4.00pm.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA

7.1. Is-Sinj. Muscat infurmat li għax-xahar ta' Awwissu 2017, mhux se ssir ħarġa kulturali jew soċjali, iżda issa jmiss li ssir fix-xahar ta' Settembru 2017. Din se tkun nhar it-Tlieta 19 ta' Settembru 2017.

7.2. Is-Sinj. Cuomo qalet li hemm bżonn tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lill-Onor. Dr Maria Deguara għall-ħidma tagħha meta kienet Sindku għal-lokalità tan-Naxxar u oħra lis-Sindku u l-Viċi-Sindku l-ġodda Anne Marie Muscat Fenech Adami u Clinton Sammut rispettivament għal-ħatra l-ġdida li għadhom kemm kisbu.

7.3. Is-Sinj. Vella qalet li għall-klassijiet tal-attività fiżika li mistennija jibdew fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru, se jinżammu l-istess miżati, kif ukoll l-istess ġranet, ifisser ta' nhar it-Tlieta u l-Ħamis. Il-bidu tagħhom se jkun nhar it-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017.

7.4. Fuq l-istess nota, s-Sinj. Cuomo rrimarkat li tajjeb li s-Sinj. Vella tikkomunika mar-Rettur il-ġdid Fr Julian Sammut, sabiex jaraw kif se nibdew nagħmlu għall-użu tas-sala tal-Knisja. Is-Sinj. Vella wieġbet li diġa għamlet dan, fejn kien deċiż li se nkomplu kif konna nagħmlu ma' Fr Paul.

7.5. Is-Sinj. Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li t-tabella tal-isem ta' Triq id-Dwieli għandha bżonn l-attenzjoni. Dan għaliex għandha sieq minnhom maqlugħa minn postha.

7.6. Is-Sinj. Abela semmiet proposta li rċiviet mingħand resident dwar jekk jistax isir *tennis court* flok il-parkeġġ ta' Triq Xatt il-Palm. Din iżda ma ġietx milqugħa mill-membri. Jekk xejn, isir fl-art li kienet mikrija lill-iscouts.

7.7. Is-SE qal li se ssir laqgħa mal-Onor. Ian Borg, tat-trasport, sabiex jiġi diskuss il-proġett tal-parkeġġ ta' Triq Xatt il-Palm.

7.8. Is-Sur Bonello staqsa jekk humiex se jsiru l-cameras maġenb l-iskipps u l-bring-in-sites (BIS) ta' Baħar iċ-Ċagħaq bħal ma għandhom xi wħud taċ-ċentru tan-Naxxar. Finalment ġie stabilit li l-aktar BIS li għandhom bżonn huma dawk ta' Triq is-Sikka. F'dan id-dawl il-Kunsill mistenni jikteb lill-GreenPak biex nevalwaw din il-possibilità.

7.9. Is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill jikteb lir-resident li joqgħod f'dar numru 53a, Triq is-Sikka, fejn nordnawlu jneħħi t-tabella tad-diżabilità minn quddiem daru, bl-awtorità tat-trasport ikkupjati.

7.10. Is-Sur Bonello qal li huwa jinsab ikkonċernat ħafna minħabba s-sewqan eċċessiv tal-muturi li jkunu għaddejjin minn Triq il-Kosta, b'mod partikolari fil-weekends. Huwa żied jgħid li hemm xi sewwieqa li jgħaddu minn Triq il-Kosta fuq bażi frekwenti, b'konsegwenza li qegħdin ikunu ta' inkonvenjenza għar-residenti minħabba l-istorbju qawwi li jagħmlu. Anke l-għaliex dawn jibdew fil-ħinijiet bikrin.

Għaldaqstant huwa talab lill-Kunsill sabiex jikteb lill-Kumissarju tal-pulizija b'dan kollu sabiex eventwalment jieħdu azzjoni.

7.11. Fuq nota pożittiva, s-Sinj. Vella qalet li l-caravans ta' wara l-i*Splash & Fun Park* telqu kollha.

7.12. Hija żiedet tgħid li l-i*slip way* fl-aħħar saret, iżda tal-fehma li din ma saritx sew. Dan għaliex sidien id-dgħajjes li jkunu jridu jagħmlu użu minnha, jkollhom jidħlu nofshom fil-baħar sabiex jirnexxilhom iniżżlu d-dgħajjes. L-i*slip way* saret usa minn qabel iżda l-membri wisq jibżgħu li kellha tkun aktar wieqfa.

7.13. Is-Sinj. Vella kkonkludiet bl-ilma li joħroġ mill-i*Splash & Fun Park*. Hija qalet li minkejja li l-ilma huwa nadif, xorta qiegħed iħalli ħsara fuq l-ambjent tal-madwar. Il-membri lkoll qablu li dan mhux ġust meta wieħed jikkunsidra li waħda mil-liġijiet ta' pajjiżna hija proprju li wieħed ma jistax jarmi ilma barra.

7.14. F'dan il-ħin marret is-Sinj. Vella, Il-ħin hu s-6.45pm.

7.15. Is-Sinj. Muscat semmiet il-bin tal-klieb li hemm fi Triq Xatt il-Palm. Hija qalet li hu maqlugħ minn postu. Il-Kunsill se jibgħat lin-nies biex jagħmlu l-manutenzjoni.

7.16. Is-Sinj. Muscat semmiet ukoll il-mera li tinsab fi Triq id-Dwieli, faċċata ta' Trejqet il-Kampanjol li hija maqlugħa. Hija ġiet mgħarrfa li l-Kunsill kien diġa ġie nfurmat minn xi residenti u għaldaqstant kien diġa għadda tali xogħol lill-ħaddiema.

7.17. Is-Sinj. Muscat staqsiet f'hiex waslu t-tabelli tat-tismija tat-toroq: Triq Anton Manwel Caruana u Triq ir-Ridott. Is-SE wieġeb li se jindaga mal-uffiċċjal kkonċernat.

7.18. Is-Sinj. Cuomo semmiet l-ittra li l-Kumitat irċieva mingħand il-Maltapost, fejn ġie mistoqsi jekk jaċċettax li jmexxu l-letter box li tinsab fi Triq is-Sikka għal fejn ġie propost mill-istess Kumitat. Is-Sinj. Cuomo għarrfet lill-kumplament tal-membri li r-risposta f'isem il-Kumitat kienet waħda li ma aċċettatx tali proposta għaliex it-talba tal-Kumitat kienet li jżidu waħda mhux imexxu dik preżenti.

## 8. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

8.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 23 ta' Awwissu, 2017 għal-17:00hrs.

8.2. Il-laqgħa ntemmet fis-19:00hrs.

Mary Anne Cuomo

**Chairperson**

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM

**Segretarju Eżekuttiv**

A